**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 60 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 12 t'Awissu 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxatriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (skużata – xogħol) |

## 60/01 Talba

60/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) fakkret lis-Sindku sabiex jinforma lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa bagħtet email fejn talbet sabiex tiġi skużata peress li kienet xogħol. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi skużata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ma kienx ra l-minuti qabel peress li ma saritx konsultazzjoni miegħu mis-SE. Hu kien ser iressaq xi emendi. Huwa talab lill-Kunsill biex jara jekk l-emendi li qiegħed jippreżenta ikoprux l-emendi li ressqulu huma wkoll ħalli mbagħad jiġu approvati.

## 60/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 59.

60/02/01 Emenda fuq minuta 59/01/01 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu: 'avolja kienet taf li s-Sindku kien imsiefer u kien ser jiġi lura Malta sbieħ it-Tnejn, 21 t' Lulju 2014. Il-Kunsill innota li kemm il-darba talab lis-SE sabiex il-minuti u dokumenti oħra jitqassmu mal-Agenda imma dan qatt ma sar'.

60/02/02 Emenda fuq il-minuta 59/03/02 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu: 'Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-SE li din il-formola ilha pendenti x-xhur meta suppost saret meta ġie iffirmat il-ftehim tal-kera u dan id-dewmien jista' jwassal għal telf finanzjarju għall-Kunsill. Is-SE intalbet tiffinalizza mingħajr aktar dewmien. Is-SE hawnhekk ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku peress li dawn il-kliem ma kienux intqalu dakinhar tal-laqgħa u qalet li se tiċċekkja mar-*recordings* tal-laqgħa.

60/02/03 Emenda fuq minuta 59/03/03 biex jitneħħew dawn il-kliem: 'Il-Kunsill unanimament approva li ma jsirux BBQ la fil-ġnien u lanqas fit-triq.' u 'Is-SE intalbet tordna 2 tabelli dwar il-BBQs'. Biex jiżdiedu l-kliem "u jekk jiġi ikkonfermat li tista' ssir *Bye-Law* jiġu ordnati 2 tabelli li juru li ma jistgħux isiru BBQs' wara 'rigward'. Hawnhekk is-Sindku spjega li jekk id-DGL ma jagħtiniex l-approvazzjoni, ma nkunux nistgħu nagħmlu t-tabelli.

60/02/04 Emenda fuq minuta 59/03/06 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu 'u jekk tistax tinħareg il-*Letter of Acceptance'.*

60/02/05 Emenda fuq minuta 59/03/08 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu :'Il-Kunsill talab lis-SE sabiex jekk ikun hemm bżonn tirreferi ma SE oħra u titlobhom l-għajnuna ta' kif joħorġu sejħa għas-servizz ta' Perit u tipprepara *draft* ħalli tiġi approvata mill-Kunsill'.

60/02/06 Emenda fuq minuta 59/03/09 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu: 'Is-SE intalbet sabiex tikkonkludi l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti għaliex għaddew tlett gimgħat oħra u prattikament ma sar xejn mill-Perit filwaqt li Kunsilli oħra diġa ħarġu din is-sejħa'.

60/02/07 Emenda fuq minuta 59/03/10 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu: 'Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex tikkonkludi dan l-eserċizzju li issa ilhu pendenti aktar minn xahrejn.'

60/02/08 Irreferi għad-direzzjoni tal-Monitoring Unit DLG Kaz numru 720/14 - Manipulazzjoni ta' Minuti tal-Laqgħa numru 59-06 Kunsill Lokali Ħal Għargħur.

60/02/09 Emenda fuq minuta 59/03/14 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu : 'Il-Kunsill talab lis-SE sabiex f'laqgħa oħra tippreżenta rendikot li jinkludi l-ispejjes tal-attivitajiet kollha lill-Kunsilliera.'

60/02/10 Irreferi għad-direzzjoni tal-Monitoring Unit DLG Kaz numru 720/14 - Manipulazzjoni ta' Minuti tal-Laqgħa numru 59-06 Kunsill Lokali Ħal Għargħur.

60/02/11 Emenda fuq minuta 59/03/17 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu: 'Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE tikkonkludi dan ix-xogħol li ilu pendenti minn Ġunju 2014.'

60/02/12 Emenda fuq minuta 59/03/20 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu u titkompla s-sentenza: 'wara li jkun ġie avzat l-offerent l-ieħor bid-deċizjoni tal-Kunsill u ritornata l-bid bond tiegħu.'

60/02/13 Emenda fuq minuta 59/03/26 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu : 'Is-SE intalbet tikteb lil TM sabiex Triq Dun Karm Vella issir *one way* kif kienu irrakkomandaw TM stess.'

60/02/14 Emenda fuq minuta 59/03/28 tinbidel il-minuta kollha u ssir: 'Is-SE intalbet tikteb lill-Ministru konċernat dwar dan il-*culvert'*.

60/02/15 Emenda fuq minuta 59/03/31 biex jinqatgħu l-kliem fl-ewwel sentenza 'huwa għandu' u jiżdiedu 'hu għadu qed jikseb' u jinqatgħu t-tieni u t-tielet sentenza 'Is-SE talbet' sa 'ix-xiri'.

60/02/16 Emenda fuq minuta 59/03/32 biex jiżdiedu l-kliem wara l-aħħar paragrafu : 'Is-SE intalbet tieħu ħsieb tirranġa din il-*Hard Disk* għaliex issa ilha 6 gimgħat bil-ħsara u mhux qed isir *backup* kif suppost.

60/02/17 Emenda fuq minuta 59/03/34 biex tinbidel l-aħħar sentenza u ssir :'Dan l-ilment ġie investigat u nstab li quddiem din ir-residenza diġa hemm sinjali li juru li ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi.'

60/02/18 Emenda fuq minuta 59/05/01 biex il-kliem 'Triq Caravaggio' fit-tielet sentenza ssir 'Triq San Nikola' u biex tinqata' s-sentenza fir-raba' linja : 'Il-Kunsill' sa 'Triq Caravaggio'.

60/02/19 Emenda fuq minuta 59/05/04 biex tinqata' s-sentenza ta' l-aħħar 'Il-Kunsillier Fenech' sa ' viċinanzi' u ssir 'Il-Kunsill innota li diga seret talba lil TM sabiex jeħel dan il-bin filwaqt li s-SE intalbet tikteb ukoll lis-sidien tal-istabiliment fil-Viċinanzi u titolbu sabiex jisponsorja x-xiri ta' bins għall-inħawi.'

60/02/20 Emenda fuq minuta 59/05/08 biex tinqata' l-ewwel sentenza minn 'Is-Sindku' sa 'b'katina' u ssir 'Ilment li sit fi Triq Katerina Sammut ingħalqet permezz ta' katina u issa ma hemmx aċċess għall-pubbliku'.

60/02/21 Emenda fuq minuta 59/05/10 biex jizdiedu l-kliem ''tkun ta; sigurta' għal' wara l-kelma 'ħalli' u jinqatgħu l-kliem 'ma jmurx fuqha' fl-ewwel sentenza.

60/02/22 Emenda fuq minuta 59/05/12 biex tinqata' l-aħħar sentenza u ssir 'Ix-xogħol sar mill-ELC'.

60/02/23 Emenda fuq minuta 59/06/20 biex il-kelma 'innota' issir 'innotata'.

60/02/24 Is-Sindku ppropona u wara l-Viċi Sindku ssekonda l-emendi kif gew ipprezentati u dawn ġew approvati. Il-Minuti tal-Laqgħa numru 59 ġew approvati kif emendati unanimament. Is-SE qalet li hija se tiċċekkja mar-*recordings* dwar dawn l-emendi.

**60/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 59**

60/03/01 **Para 59/03/01**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta s-SE kitbet dwar ir-*refund* tal-*lift* intalbet isegwi mal-*Accounts Department* tad-Dipartiment għal-Gvern Lokali (DGL). Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Sur Robert Meli għal *cover* sabiex jiġi mgħotti dan il-*lifter* meta ma jkunx qed jintuża. Il-Kunsill ippropona li tintalab stima ta' *frame* tal-*Aluminium* u jingħalaq bil-perspex mingħand C Borg Aluminium sabiex dan il-lift ikun magħluq sew. Is-SE qalet li kien hemm min għamel ħsara mal-bieba tal-lift u l-Kuntrattur ġie isewwi mill-ewwel. Hija ħadet ħsieb li jagħmlu tabella mal-bieba peress li dan il-lift qieghed jiġi monitorjat mis-CCTV.

60/03/02 **Para 59/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija talbet lis-Sur Stigter biex iħalli xi dokumenti oħra sabiex tkun tista' tintbghat il-formola tal-ARMs tal-*metres* tad-dawl u tal-ilmau kienet qed tistenna lill-ARMS sabiex jibghatu breakdown minn fejn irid ihallas il-Kunsill, u minn meta beda l-kuntratt mas-Sur Stigter. Kif ikollha kollox f'ideja, tkun tista tagħlaq dan il-każ.

60/03/03 **Para 59/03/03:- Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku talab lis-SE jekk B Grima & Sons Ltd accettawx li jbiddlu l-ammont tal-*picnic tables* u *benches* skont kif ħarġet il-*purchase order* (PO). Is-SE ikkonfermat li hija kitbet u wkoll kellmet lill B Grima & Sons Ltd dwar dan. Fil-fatt il-kont lill-*Paying Agency* mar skont il-kont tal-PO. Hija tkellmet mal-Kuntrattur biex ineħħi ż-żrar li għad baqa' fil-Gnien. Hija għaddiet il-kontijiet kollha lill-*Paying Agency* wara li ġew iċċertifikati mill-Perit. Issa jonqos biss ir-*Project Review Report* fejn hija iltaqgħet mal-Perit Cortis biex jiddiskutu dan ir-rapport u kif ikun lest,

tgħaddih lill-*Paying Agency*. Is-SE għad trid tikteb lid-DGL għall-parir jekk tistax toħroġ *Bye Law* minħabba BBQs fil-Ġnien. Is-SE ordnat it-tabella u il-kont ġie mgħoddi lill-*Paying Agency* ukoll. Is-SE għadha qed tistenna l-*Compliance certificate* mill-Perit Grech sabiex jintbgħat lill-MEPA. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ELC qed isaqqu dan il-ġnien u dawk is-siġar li hemm fis-*Searchlight Battery.*

60/03/04 **Para 59/03/04 :- Triq San Gwann**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Vincent Galea kiteb lit-TM dwar il-*bollards* ta' Triq San Gwann peress li dawn għadhom ma sarux u lanqas l-*cats eyes ma twahhlux*. TM għaddew ir-rikjesta tagħna sabiex jinbiddlu u jitwaħħlu oħrajn ta' materjal ahjar. Is-SE intalbet isegwi.

60/03/05 **Para 59/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* eċċ–** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-GreenMT bgħatu l-*Eco Counsellors* fil-lokalita' biex jispjegaw fuq ir-ricikklaġġ. Is-SE infurmat li bgħatet kemm il-*reminders* lis-*CEO* tal-*Green MT* dwar il-pagament pendenti ta' €2,310 u li z-zewg konsenji zgħar ta' boroz griżi spiċċaw. Is-SE intalbet tkompli ssegwi.

60/03/06 **Para 59/03/06:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill lil-Avukat ta' Bryden Azzopardi li kien appella fuq it-*Tender tal-Mixed Household Waste Hal Gharghur*, kiteb lill-Kunsill. Din ġiet mghoddija li l-Avukat tal-Kunsill, Dr John Gauci, fejn kiteb ittra lis-Sur Braydon Azzopardi. L-Avukat Dr Gauci ta parir lill-Kunsill li kif jgħaddi l-limitu permess mill-liġi, fejn wiehed jista' jipprezenta każ il-Qorti tal-Appell, il-Kunsill ikun jista' jaħdem bil-kuntrattur il-gdid. Is-SE infurmat lil hija ghadha ma rcevietx id-direzzjoni mid-DGL. Il-Kunsill approva li jimxu skont il-parir tal-avukat u jibdew bil-kuntrattur il-gdid fit 18 t'Awissu 2014. Is-SE għandha tinforma lill-kuntrattur prezenti dwar l-aħħar ġurnata ta' xogħol tieghu. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jridux li juzaw motto 'Biex int tghix ahjar' fuq it-Truck tal-iskart. Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm trukkijiet tal-iskart li għandhom l-motto tal-Ministeru u dawn qed jintuzaw kemm f'San Pawl il-Bahar u l-Mellieha. Dwar il-Bring-in-site, is-Sindku tkellem mal-kuntrattur il-gdid dwar din il-materja. Il-Kunsill se jħalli ftit iehor u wara jiddeciedi li jekk il-Bring-in-site u l-area ta' madwarha ma tinzamx sew, il-Kunsill inehhihom.

60/03/07 **Para 59/03/07:-** Dwar il-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika u l-ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Paċi s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur il-gdid beda jieħu ħsieb il-latrina. Is-Sindku talab li l-*cameras* li hemm mal-bini tal-Kunsill jitnaddfu.

60/03/08 **Para 59/03/08:-** Is-SE intalbet tipprepara *draft* tas-sejħa ġdida għall-Perit ħalli tiġi approvata mill-Kunsill.

60/03/09 **Para 59/03/09:-** Is-SE infurmat li għadha ma rċeviet xejn mill-Perit Falzon dwar d-dokument tas-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq li kienet lestiet sabiex il-Kunsill jkun jista' jibbenifika minn fondi tal-Majjistral *Group*. Hija għandha titlob estenzjoni lill-*Paying Agency* minħabba f'hekk.

60/03/10 **Para 58/03/10 *Euro Clean:*** : Is-SE infurmat li bdiet taħdem fuq il-kontijiet tal-*Euro Clean* dwar id-*diesel* u daqt tikkonkludi u tgħaddihom lis-Sindku.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

60/03/11 **Para 59/03/11 Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat lil-Koptasin waħħlu *traffic hump* ta' Triq Fidel Zarb u tabelli u mera li kienu pendenti. Huma għandhom jerġgħu jiġu peress li ma kellhomx bizzejjed *humps in stock*. Il-Kunsillier Christopher Fenech staqsa dwar it-tabella Merħba bik, u s-SE tenniet li dakinhar stess il-Koptasin waħħlu kull ma kien hemm pendenti ħlief għal *humps*. Is-SE għandha ssegwi dan ix-xogħol. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-SE li għad fadal diversi tabelli pendenti u li għadhom ma twaħħlux fosthom dik tal-*One Way* fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki.

60/03/12 **Para 59/03/14 Jum ir-Raħal 2014:** Is-Sindku talab lis-SE ħalli tgħaddi rendikont tal-ispejjes tal-attivitajiet li saru ta' Unur Excelsior u Jum ir-Raħal.

60/03/13 **Para 59/03/15 *Business Plan* 2014 -2017:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa wieġeb lill-*Accountant* kif ukoll lis-SE u infurmahom li kif kien ġie deċiż mill-Kunsill fi Frar 2014 meta ġew approvati l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill kif ukoll kif inhu spjegat f'dawn l-istess estimi l-Kunsill ma kienx ser jidħol għall-progetti kapitali ġodda imma ser ikun qed ilesti biss il-bini mill-ġdid tal-Ġnien tal-Ponta u l-installazzjoni tal-Lifter u l-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Għalhekk dawn il-proġetti għandhom jidħlu fil-*Business Plan* għas-sena 2014 pero' għas-snin 2015 u 2016 għandhom jidħlu biss l-*operational expenses* u infiq kapitali zgħir li normalment isir. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan u ħeġġeġ lis-SE sabiex tlesti l-*Business Plan* mingħajr aktar dewmien.

60/03/14 **Para 59/03/16** : Is-Sindku nforma li l-bozza ta' Triq Żellieqa nqabbdet mad-dawl imma m'għandhux risposta fuq l-bozza ġdida m'arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza. Is-SE reġgħet bgħatet reminder il-ġurnata qabel il-laqgħa u ma ntgħatatx risposta.

60/03/15 **Para 59/03/17 Poloz tas-Sigurta':-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija ma tistax taħdem fuq il-Poloz peress li x-*schedules* tal-poloz għandhom ma ntbagħtux. Is-SE qalet li l-premium tħallas. Is-SE għandha issegwi mal-aġenzija tal-insurance. Hija nfurmat lill-Kunsilliera li ħallietilhom iċ-ċertifikat tal-*Health Insurance* fit-trays rispettivi tagħhom.

60/03/16 **Para 59/03/19 Tabelli taż-*zebra crossing*** :- Ġie unanimament deċiż li jekk TM ma jistgħux jagħmlu t-tabelli li jaħdmu bis-solar għaż-*zebra crossing* tal-Pjazza, il-Kunsill jixtri dawk mingħand *Smart Lights Solutions*. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li TM riedu li l-Kunsill iżomm ma l-istandards u linji gwida tat-TM.

60/03/17 **Para 59/03/20 Triq Fra D Mifsud** Is-Sindku informa li s-SE bgħatet il-*Letter of Acceptance* lill-kuntrattur u qed tistenna il-*Performance Guarantee*. Is-Sindku talab li jsir il-co-ordination meeting. Is-SE intalbet isegwi.

60/03/18 **Para 59/03/21** Is-SE għad trid tikteb lil Bord tas-*Street Naming Committee* sabiex tara meta se jiġu ppubblikati l-ismijiet taż-Żoni fuq il-gażżetta tal-Gvern.

60/03/19 **Para 59/03/22 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**: Is-SE se itellgħa l-Estimi Finanzjari 2014 fuq il-*website* u għandha tibgħat il-minuti tal-laqgħat li saru fil-2013 għall-*binding*. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE tlesti dawn mingħajr aktar dewmien għaliex ilhom pendenti x-xhur u kull darba jingħad li ser isiru u mill-laqgħa għall-oħra ma jsir xejn.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

60/03/20 **Para 59/03/23 Librerija**: Is-SE infurmat lill-Kunsill it-3 bnadar ġodda għall-librerija ġew ordnati. Is-Sindku nforma li - Sur Salvu Fenech lesta l-arbli għalihom. Il-Kunsillier Galea għandu jmur tal-Iskola biex jiċċekka jekk sarux dawn iz-2 *covers* tan-*neon tubes.*

60/03/21 **Para 59/03/24** Is-SE infurmat lill-Kunsill li meta s-sid jlesti x-xogħol fuq il-faċċata, hija għandha tinforma lill-Kunsill ħalli nibgħatu l-kuntrattur biex iwaħħal il-fanal.

60/03/22 **Para 59/03/25** Ilmenti Nru 18114037211549 u 18114031211545 – Is-SE talbet lill-Kunsill jekk jistgħux imorru fuq il-post u jaraw jekk jistgħux isir dawn il-linji peress li jekk ikollha r-ritratti ma tkunx tista' tara x'jista' jsir.

60/03/23 **Para 59/03/26** Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija ltaqet ma rappreżentant tat-TM u marru fuq il-post biex jaraw x'jista' jsir. Ir-Rappreżentant irrakomanda li l-*one way* tkun bil-kontra, jiġifieri li tkun tista' toħroġ minn Triq Dun Karm Vella għall Triq 31 ta' Marzu. Huwa kellu jikteb uffiċċjalment dwar din il-*one way.*

60/03/24 **Para 59/03/27 Petizzjoni għat-twaħħil ta' ATM**. Il-Kunsill innota li ma tantx kien hemm residenti, xi 30 biss iffirmaw il-petizzjoni l-Kunsill u hemm ftit oħra li ffirmaw fuq il-website. Fil-fatt ġie deciz li jitkomplu jittiehdu l-firem.

60/03/25 **Para 59/03/28 *Culvert* fi Triq San Gwann**: Is-SE ghad trid tikteb lill-Ministru konċernat dwar dan il-*culvert*.

60/03/26 **Para 59/03/31** Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Galea jekk għandux informazzjoni dwar ir-*rubber* għal-Gnien il-Paci. Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li t-*teacher* li kellu jagħtih l-informazzjoni dwar minfejn jista' jinxtara r-*rubber* qiegħed bil-*holidays*.

60/03/27 **Para 59/03/32** Is-SE infurmat li meta kien ġie is-*service provider*, huwa kien iċċekkja l-*hard disk* l-antika u b'hekk qalilhom li ma kienetx qed taħdem. Fil-fatt dik li nxtrat mill-*Scan Computers* għadha qed taħdem.

60/03/28 Para 59/03/37 Is-SE infurmat li l- mera fi Triq Indipendenza faċċata ta' Triq Dun Karm Fenech twaħħlet.

60/03/29 **Para 59/05/04 Ilment nru 18114040212666** - Talba biex fin-naħa tax-Xwieki jitpoġġew aktar *bins*. Is-SE intalbet tikteb ukoll lis-sidien tal-istabiliment fil-viċinanzi u titolbu sabiex jisponsorja x-xiri ta' bins għall-inħawi.

60/03/30 **Para 59/05/08** Ilment li sit fi Triq Katerina Sammut ingħalqet permezz ta' katina u issa ma hemmx aċċess għall-pubbliku. Is-SE trid tibgħat ir-ritratti tas-sit.

60/03/31 **Para 59/05/09** Talba sabiex Sqaq il-Hofra jiġi *resurfaced*. Is-SE kitbet lit-TM dwar dan lis-Sqaq u huma nfurmaw il-Kunsill li qed jistennew li WSC jlestu mix-xogħol.

60/03/32 **Para 59/05/10** Il-Kunsillier Fenech qal li se jiġi rranġat il-*fence* li hemm it-*Top of the World.* Is-SE għandha tagħmel kuntatt mas-Sur Gorg Zarb ħalli jibgħat stima għal fence.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

60/03/33 **Para 59/05/12** Is-SE infurmat lill-Kunsill li haddiem mar jaqta' ftit mill-ħarruba li hemm Mons Luigi Catania u xi siġar oħra. Intbgħatu ittri lir-residenti biex jiżbru s-siġar li qed jagħtu fuq il-bankina, kemm fi Triq Ferdinand u fil-viċinanzi.

60/03/34 **Para 59/06/01** *Payroll Software*. Is-SE għandha titlob appuntament mal-kumpanija sabiex tikseb iżjed informazzjoni.

60/03/35 **Para 59/06/03** ***Case No 564/14 - Creditor's Balances - 30/06/14.*** Is-SE bgħatet il-bilanċi li għaddiela l-*Accountant lid-DGL*. Is-Sindku spjega li din l-informazzjoni tal-*Accountant* ma kienitx korretta u ma kienitx tinkludi l-ammonti kollha dovuti lill-kredituri mill-Kunsill ez l-ammonti dovuti lill-Kuntrattur li kesa t-toroq bit-tarmak taħt l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill fakkar lis-SE li hi responsabblili tiżgura li lid-DGL tingħatalhu informazzjoni korretta u għalhekk intalbet sabiex tirrevedi r-*return* u tibgħat l-informazzjoni kollha u kompluta.

60/03/36 **Para 59/06/19** ***Funding at MEUSAC- Eu Funding Opportunities for Local Councils***. Il-Viċi Sindku, l-Kunsillier Galea, s-SE u l-EO iltaqgħa mar-rapprezentanti tal-MEUSAC dwar twinning. Huma ddiskutew x'hemm bżonn isir bħal programm dettaljat u li jridu jintlew xi formoli u tithallas mizata ta' parteċipazzjoni. Il-Viċi Sindku għandu jagħmel kuntatt ma barra ħalli jiffornixxu l-programm u jikkonfermaw il-parteċipazzjoni. Is-SE għadha qed tistenna linji gwida mid-DGL dwar dan it-twinning.

60/03/37 **Para 59/06/21 Dwal għall-Koppola tal-Knisja**. L-istima għal dawn il-*floodlights* ġiet tiswa €537. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri 7 *floodlights*.

60/03/38 **Para 59/07/01 *Aerobics*** Is-SE kienet kitbet lir-rapprezentanta tal-Dipartiment għall-Prevenzjoni ta' Mard dwar l-*Aerobics* u li Kunsilli oħrajn qed jitolbu flus biex ikopru l-ispejjez tas-sala. Is-SE infurmat lll-Kunsill li ma jistax jintalab ħlas għall-dawn l-attivitajiet. Jekk Kunsilli oħra qed jagħmlu dan, probabli qed jieħdu ħsieb dawn l-attivitajiet privaament u mhux minn dan id-Dipartiment. Is-SE ikkonfermat li l-aħħar sessjoni ser ssir kif kien diga miftiehem fil-kuntratt u hija infurmat il-Kapillan bil-ħinijiet.

**60/04 Approvazzjoni ta’ Pagamenti Pendenti**

60/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta’ pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Is-sE intalbet tinkludi il-ħlas għall-kera ta' 6 arbli li jammonta għall-€150 u l-ħlas għall-kera tal-bitħa għal Jum il-Gharghur li jammonta €150. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**60/05 Ilmenti u Suggerimenti**

60/05/01 **Ilment numru 18114028214245** - Talba għal bin ħdejn il-Palazz tal-Kmand: Il-Kunsill m'approvax li jsir bin f'dawn l-inħawi peress li hemm wieħed u mhux qed jintuża. Is-SE qalet li se tibgħat il-ħaddiema biex inaddfu l-inħawi.

60/05/02 **Ilment numru 18114063214349** Talba biex ssir shade mal-bozza li qeda fejn dar numru 33 Triq Emanuel Perren, għaliex id-dawl qiegħed jidħol ġol-kamra tas-sodda. Din il-

bozza qeda ma' faċċata ta' dar u ġiet irraportata lil Galea Curmi għaliex qed itteptep. Il-Kunsill approva unanimament li tintalab stima u jiġi ordnat ix-*shade*.

60/05/03 Il-Kunsillier Alfred Muscat talab sabiex il-ħaddiema inaddfu l-merja speċjalment ta' Triq Stiefnu Zerafa. Is-SE infurmat lill-Kunsill li dan ix-xogħol diġa sar.

60/05/03 Il-Kunsillier Alfred Muscat talab sabiex isir zebgħa ħdejn il-ground tal-football. Huwa għandu jinforma lill-ħaddiem fejn trid issir din iz-zebgħa. Huwa talab ukoll sabiex isir *refreshing* ta' *reserved parking* ħdejn kazin. Is-SE infurmat li l-ħaddiem qiegħed jagħmel *refreshing* ta' zebgħa fi Triq Bartolomew u dawn suppost saru.

60/05/04 Il-Viċi Sindku talab sabiex is-SE tikteb lis-Skola Primarja fejn titlob sabiex jibdlu s-*soft flooring* tal-iskola tal-bitha għax it-tfal qed jingirfu.

60/05/05 l-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li t-tabella tar-*reserved* tal-gas tal-pjazza tad-Dejma, qiegħda għand resident sakemm jiżbgħu l-faċċata. Dan ir-resident talab li l-kaxxa tar-*reserved* tiġi kaxxa safra biss mingħajr kliem. Dan ir-resident talab li l-għatu li għandha l-ġibja, għandhu bzonn jinbidel. Is-SE għandha tikteb lill-Lands Department biex tara jekk jistax isir wieħed ġdid.

60/05/06 Il-Kunsillier Muscat talab lill-Kunsill biex jikkonsidraw li sid ta' hanut igib 2 mobile toilets għal waqt il-festa biex ma jidhlulux nies u juzaw it-toilets tieghu peress li ghamel toilets godda u dan irid igib il-mobile toilets u se jhallashom huwa. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba.

60/05/07 Il-Kunsillier Galeat informa lill-Kunsill li s-siġar li hemm fil-pjazza qed idejqu lin-nies. Huwa qal li hemmhekk jiltaqgħu ħafna nies. Huwa qal li waħda qiegħda f'*parking zone*. Huwa qal li dawn huma *eyesore*. Is-Sindku qal li bankijiet hemm 18 fil-pjazza u bl-istess argument jistgħu joqgħodu fejn iridu n-nies. Il-Kunsill qabel li dawn jibqgħu hemm peress li qed isebbħu l-pjazza. Il-Kunsillier Galea ma qabilx.

60/05/08 Il-Kunsillier Galea talab lill-Kunsill biex jibgħatu kartolina għall-fejqan ta' malajr lill-Onor Beppe Fenech Adami. Il-Kunsill qabel mal-proposta unanimament.

60/05/09 ***Hawnhekk inqata' d-dawl u l-laqgħa tkompliet mingħajr live-streaming u fid-dlam.***

**60/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60/06/01 | Clerk | Ittra ta' Riżenja | Il-Kunsill aċċetta r-riżenja tal-iskrivana u ddeċieda li jibda l-proċess sabiex jiġi impjegat ħaddiem ieħor |
| 60/06/02 | MITA | SPP Students | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60/06/03 | DGL | Proġett Pilota u Kwestjonarju dwar Performance Management fil-Kunsilli Lokali (Memo 16/2014) | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/04 | Transport Malta | Request for resurfacing of Sqaq il-Hofra Hal Gharghur | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/05 | MEPA | New Applications | Din ġiet innotata mill-Kunsill |
| 60/06/06 | DLG | Kontijiet tal-ħlas tal-licenzji tan-negozju dovuti ghas-sena 2014 | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/07 | DLG | Każ nru 574/14-Memo 21/2014-Stampar ta' dokumenti | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/08 | Joseph Chetchuti | Servizz ta' tindif ta' statwi tal-bronz | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/09 | Accountant tal-Kunsill | Payslip MCAST student | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/10 | B Grima & Sons Ltd | *Works Order* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/11 | Health Promotion Unit | *Aerobics 2014* | Din ġiet innotata mill-Kunsill |
| 60/06/12 | Transport Malta | *Pedestrian Crossing Solar Signs* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/13 | LCA | *Reminder* Cirkulari AGL 45/2014 it-tieni kwestjonarju dwar Energija Nadifa | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60/06/14 | M Quip | *M Quip Ltd play equipment and safety surface* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/15 | Koptasin | *Quotation Road Humps* | Din il-*quotation* ġiet aċċettata mill-Kunsill u s-SE intalbet toħroġ il-*Purchase order.* |
| 60/06/16 | Enemalta | *Pending Dues on temporary service Applications* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/17 | DLG | Urġenti *EU funding for local Councils Europe for citizens programme 2014-2020* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/18 | Green MT | *Leaflets for residents re: Waste* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/19 | DLG | *Norway Grants* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/20 | MSDEC-ARPA | *Re Request for final extension measure 313* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/21 | Upholsterer | *PVC wheelchair lift cover quotation* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/22 | Local Council's Lawyer | *Re Braydon Azzopardi* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/23 | Green MT | *Leaflets distributed* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/24 | LCA | Cirkulari AGL 47/2014 laqgħat informattivi b' xejn rigward l-Efficjenza tal-Energija Effettiva | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60/06/25 | DLG | *Contracts Circulars re selection criteria (local councils)* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/26 | Gharghur Local Council | *Reserved Gas* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/27 | MEUSAC | *ECAS No* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/28 | Health Promotion Unit | *Aerobic Programmes* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/29 | MEPA | Notifika ta' avviz skond l-art. 86 ta' latt nru. X ta' 2010 dwar l-ambjent u l-ippjanar u l-izvilupp | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/30 | Correspondence from resident MF | *Illegal dumping and drainage problems* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/31 | Green MT | *Receipt* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/32 | DLG | Programm u l-Applikazzjonijiet dwar Europea Mobility week | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/33 | SBL Malta | *Water and Electricity Reading Semaphore Tower as per 8th August 2014* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/34 | MEUSAC | *How to acquire the PIC CODE for the town twinning call* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/35 | Correspondence from resident MLT | Mons. L Catania Pedestrian Zone | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60/06/36 | Correspondence from resident RR | Jintefa terrapien f' Wied Anglu, Hal Gharghur-CM 655/14 | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/37 | Local Council's Accountant | *Chart of Accounts Gharghur Local Council* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/38 | DLG | Skema Accessibilta + - Informazzjoni mehtiega | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |
| 60/06/39 | WasteServ | *Sant Antnin weighbridge on 15th August* | Din ġiet innotata mill-Kunsill. |

**60/07 Mozzjoni għat-tneħħija tas-Sinj LAG mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur.**

60/07/01 Is-Sindku qara l-mozzjoni li kienet annessa mal-Aġenda tal-Laqgħa. Din-mozzjon kienet qed tiġi ipproponuta mis-Sindku u mill-Kunsillier Christopher Fenech u s-sekondata mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillieri Alfred Muscat u Vincent A. Galea. Hu ta' spjega fil-qosor għal fejn kienet qed titressaq din il-mozzjoni u r-raġunijiet li wasslu sabiex jintalab li titneħħa s-SE tal-Kunsill. Uħud mill-Kunsillieri ukoll tkellmu fuq din il-mozzjoni u spjegaw għalfejn huma kienu jaqblu mal-mozzjoni. Qabel ma l-mozzjoni tressqet għall-vot is-Sindku talab lis-SE jekk xtaqitx titkellem dwar din il-mozzjoni. Is-SE qrat Rapport datat 12 t'Awwissu 2014 ta' sitt pagni fejn spjegat għalfejn hi ma kienitx qed taqbel mal-mozzjoni. Il-mozzjoni tressqet għall-vot u ġiet approvata unanimament. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex il-mozzjoni flimkien mad-decizjoni tal-Kunsill jintbagħtu lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

**60/08 Dikjarazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal Gharghur**

60/08/01 B'referenza għad-deċizzjoni tal-Bord tal-Gvernanza permezz tal-Ittra datata 12 t'Awissu 2014 - Każ numru 016/2014 (annessa mal-Minuti) dan l-item hu meqjuz bħala null peress li kien tpoġġa fuq l-Aġenda mis-SE mingħajr konsultazzjoni mis-Sindku u għalhekk mhux ser jiġi diskuss waqt il-Laqgħa.

**60/09 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

60/09/01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar is-servizz tal-kennies u tal-iskart *extra* waqt il-ġranet tal-festa ta' Hal Gharghur. Is-SE intalbet toħroġ avviz dwar il-ġbir tal-iskart il-Gimgħa tal-Festa sabiex jinġabru ż-żewġ tipi tal-iskart u tavża lil kuntrattur tal-iskart sabiex jiġbor l-iskart imħallat il-Ġimgha wkoll. Il-Ħadd tal-festa, l-kennies għandu jieħu ħsieb li jiknes l-akwati tal-pjazza, eċċ u jieħu ħsieb li jiġbor l-iskart huwa wkoll. Is-SE intalbet toħroġ il-*works orders* għax-xogħolijiet extra rispettivament. Is-Sindku talab lis-SE sabiex tieħu ħsieb li l-ħaddiema joħorġu t-tankijiet tal-Kunsill sabiex ikun hemm fejn

jintefa l-iskart. Il-Kunsillier Muscat se jieħu ħsieb l-armar tal-bozzoz fuq it-turetta tal-bini tal-Kunsill.

60/09/02 Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill dwar ir-riċeviment li se jsir nhar l-Erbgħa 20 t'Awissu 2014 għas-Sotto Kumitat tal-Qasam Soċjali fejn il-Kunsill u l-istaff huma mistiedna biex jattendu.

60/09/03 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill dwar l-attivita' li ser issir is-Sibt.

**60/10 Aġġornament**

60/10/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-20.40 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Louise-Anne Gusman | 2 ta' Settembru 2014 |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv | Data |